MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Avviz Numru. 281/2009

**J. Lautier Company Limited**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-30 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbat elef, mija u tnejn u hamsin Ewro, u tlieta u ghoxrin centezmu ta' Ewro, (€ 4,152.23), konsistenti f':

i. Danni minnha kkawzati lis-socjeta` rikorrenti konsegwenza tan-nuqqas da parti taghha li tikkonsenja zewg (2) *bundles raw iron bars* minn

konsenja akbar ta’ hamsa u erbghin (45) *raw iron bars* importati mis-socjeta` rikorrenti u destinati ghall-konsenja lilha, wara li l-imsemmija konsenja ta’ *raw iron bars* destinati ghas-socjeta` rikorrenti kienet giet mghoddija u messa taht kontroll u responsabilita` tas-socjeta` ntimata ghall-konsenja lid-destinarju wara l-hatt ta’ l-istess konsenja ta’ *raw iron bars* mill-vapur MV Akin li wasal Malta minn Porto Nogaro fid-9 ta’ Lulju tas-sena 2008; u;

ii. Spejjez u mizati ta’ magazzinagg u spejjez ta’ *demurrage* indebitament u ingustament minnha mitluba minghand u mhallsa lis-socjeta` ntimata mis-socjeta` rikorrenti b’rabta ma’ l-imsemmija konsenja ta’ *raw iron bars* destinata ghall-konsenja lis-socjeta` rikorrenti meta tali spejjez u mizati u magazinagg u spejjez ta’ *demurrage* ma kienu qatt dovuti u ma kellhom qatt jintalbu, ghad illi l-kawza u r-raguni li ghaliha dawn intalbu kienet imputabbli esklussivament lis-socjeta` ntimata u;

iii. Parti proporzonali mill-*freight* imhallas mis-socjeta` rikorrenti ghall-garr ta’ l-imsemmija konsenja shiha ta’ *raw iron bars* riferibilment ghaz-zewg (2) *bundles raw iron bars* mhux konsenjati lis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data meta gew ikkawzati d-danni konsegwenza tan-nuqqas tas-socjeta` ntimata, jew mid-data meta thallsu l-ammonti mhux dovuti u ezigibbli skont il-kaz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` ntimata ngunta ghas-subizjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata l-21 t’Awwissu tas-sena 2009 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma preskritti a tenur tas-sub-artikoli (a) u (b) ta’ l-artikolu 65 ta’ l-Att dwar l-Awtorita` Marittima;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-istess socjeta`

rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi s-socjeta` ntimata m'hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fir-rikors stante li s-socjeta` ntimata qdiet l-obbligi kollha mposti fuqha mill-ligi u l-ebda nuqqasijiet, jekk jigu pruvati, ma rrizultaw tort taghha;

3. Illi konsegwentement l-ebda spejjez u mizati ma gew indebitament u ingustament mitluba mis-socjeta` ntimata;

4. Illi inoltre l-ammont ta' danni mitlub, ghandu jigi ppruvat u fi kwalsiasi kaz, huwa eccessiv;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-digriet datat l-10 ta' Novembru tas-sena 2009 li permezz tieghu, fuq talba tal-partijiet, ordnat il-kapovolgiment tal-provi limitatament ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` ntimata;

Semghet ix-xhieda prodotta limitatament ghall-dan l-iskop indikat fil-paragrafu precedenti;

Ezaminat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-1 ta' Frar tas-sena 2011;

Ezaminat in-nota responsiva tas-socjeta` ntimata datata l-24 ta' Frar tas-sena 2011;

Tirrileva li s-sentenza odjerna hi wahda preliminari u hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` ntimata senjatament li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma preskritti;

Ikkunsidrat:

Illi sintetikament is-socjeta` ntimata qed tistrieh fuq l-artikolu 29 tal-Kap 352, (Att dwar Portijiet u Bastimenti);

Illi l-imsemmi artikolu sintetikament jistabbilixxi:

i. Illi ma tista' tittiehed l-ebda azzjoni kontra l-Awtorita` de quo jew kuntrattur taghha kif definit fl-artikolu 2 tal-Kap fuq indikat ghal telf jew hsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra abbord bastiment kemm –il darba:

a. ma ssirx talba skritta ghal daqshekk;

b. lill-Awtorita` jew kuntrattur;

c. li fiha jinghataw il-partikolaritajiet xierqa;

d. mhux aktar tard minn sitt (6) xhur li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita` jew kuntrattur;

ii. Illi in oltre, jkun hemm ukoll l-effett li ma tkun tista` tittiehed l-ebda azzjoni kontra l-istess Awtorita` jew kuntrattur kemm –il darba l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax (12) –il xahar mill-imsemmija data;

Ikkunsidrat:

Illi skont il-"*claim supervisor*" tas-socjeta` intimata jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi mill-1 ta' Lulju tas-sena 2006, is-socjeta` ntimata kienet rebhet kuntratt biex tkun "*cargo handler*" fil-Port il-Kbir, u dan, ghall-perjodu ta' tletin (30) sena;

2. Illi l-kaz in dizamina jirrigwarda merkanzija li dahhlet fl-imsemmi port nhar id-9 ta' Lulju tas-sena 2008, permezz tal-vapur bl-isem MV Akin, (ara fol 12 et sequitur);

3. Illi l-merkanzija nvoluta kienet migbura mis-socjeta` rikorrenti f'diversi okkazjonijiet fejn instabu zewg (2) mazzi neqsin, (ara fol 10);

4. Illi jirrizulta li t-talba formali ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti kienet inoltrata permezz ta' ittra mill-avukat tas-socjeta` rikorrenti fl-4 t'Awwissu tas-sena 2008;

5. Illi nonostante dan, ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti inoltrat ittra ufficcjali fuq dan l-ilment, (ara fol 11);

6. Illi jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata fit-30 ta' Lulju tas-sena 2009, (ara fol 1);

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-fatti riskontrati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata effettivament ghamlet talba bil-miktub fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ghad-danni minnha sofferti;

2. Illi pero` d-data meta giet inoltrata din it-talba skritta ma ingibitx a konjizzjoni ta' din il-qorti;

3. Illi ghalhekk ma jistax jigi ritenut li din il-kundizzjoni kif determinat mill-artikolu 29 tal-Kap fuq sintetikament cedat kien sodisfatt;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre jirrizulta wkoll li l-merkanzija instabet danneggjata fid-9 ta' Lulju tas-snea 2008;

Illi kif jidher *ictu oculi* mir-rikors promotur, il-procedura odjerna giet intavolata fit-30 ta' Lulju tas-sena 2009;

Illi konsegwentement, anke din it-tieni kondizzjoni prefissata mill-artikolu 29 tal-Kap sintetikament pre-citat ma giet ottemporata stante li l-perjodu ta' tnax (12) –il xahar hemm prefissat kien skada;

Ikkunsidrat:

Illi ghar-ragunijiet fuq indikati jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti hi karenti fiz-zewg rekwiziti temporali rikjesti mill-imsemmi artikolu 29 fuq sintetikament pre-citat stante li s-socjeta` rikorrenti:

1. Naqset li taghti pre-avviz skritt, (ghalkemm dan m'ghandux necessarjament ikun permezz ta' ittra ufficcjali), fi zmien sitt (6) xhur kif stipulat, u

2. Naqset ukoll li tibda l-azzjoni taghha fi zmien tnax (12) –il xahar, ukoll kif espressament stipulat, statutorjament;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji din l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata, tiddikjara din il-procedura hi preskritta ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------